MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2005

Appell Kriminali Numru. 107/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. A. Cassar)**
**Vs**

**George Grech**

**Il-Qorti:**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fi Triq Marina, Marsaskala kif ukoll fl-ghassa tal-Pulizija ta' Haz-Zabbar, nhar is-Sibt 12 ta' Marzu, 2005, bejn il-hamsa w t-tmienja ta' filghaxija :**
**1) ingurja, hedded u ghamel offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna tas-Surgent 1428 Jesmond Delia, inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, skond ma ccertifika Dr. Ian Gauci M.D. mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien**

**ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;**
**2) Attakka w ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-istess Surgent 1428 J. Delia, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita"kompetenti;**
**3) hedded lill-istess Surgent 1428 J. Delia li jitfghu il-bahar, kif ukoll bil-kliem "intik daqqa ta' sikkina u noqtlok!" filwaqt li bezaqlu w tefghalu sigarett jaqbad fid-direzzjoni tieghu;**
**4) hedded lill-Ispettur Anthony Cassar bil-kliem "issa naraw fejn se tispicca din il-bicca" u "ara ma jigrix xi haga lit-tfal tieghi, ghaliex inti tfal ukoll ghandek!";**
**5) hedded diversi Pulizija fl-ghassa ta' Haz-Zabbar bil-kliem "insib Pulizija ghassa ma xi bank u nifqghu m'Alla" filwaqt li ghamel sinjal t'arma tan-nar b'idejh, kif ukoll b'referenza ghall-Pulizija tal-iskwadra mobbli "naghmlilkom bomba tal-petrol mal-karozza taghkom";**
**6) qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indecenti;**
**7) Kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;**
**8) M'obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliehx jew fixklu waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu b'xi mod, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel u aktar billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi;**
**9) Hebb kontra l-istess Surgent 1428 J. Delia sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu hsara;**
**10) Imbotta lill-istess Surgent 1428 J. Delia fit-triq ghal diversi drabi sabiex iwegghu jew jinsultah;**
**11) Qal kliem jew espressjonijiet ta' dagha;**
**12) Bi vjolenza u b'theddid gieghel lill-istess PS 1428 Jesmond Delia, li huwa ufficjal pubbliku li jaghmel jew ma jaghmilx xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga tieghu;**

**13) Sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminal Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta diversament preseduti, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-4 t'April, 2005, li biha wara li rat l-artikoli 49, 50, 95, 96, 338(bb), 338(dd) u 338(ee), sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghal terminu ta' prigunerija ta' tmien (8) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-13 t'April, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata fis-sens li tikkonfermaha in kwantu din sabet lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, izda timmodifikaha in kwantu l-piena nflitta ta' tmien xhur prigunerija tigi mnaqqsa.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fis-segwenti u cioe' :-**
**1. illi minkejja li hu ammetta ghall-akkuzi, l-Ewwel Qorti ma' kkunsidratx dan il-fatt meta giet biex tinfliggi l-piena;**
**2. illi l-piena inflitta hija esagerata konsiderando l-fatt illi l-akkuzi huma kollha relatati w jikkonkorru w li hu mill-ewwel talab appologija lill-Pulizija nvoluti w li dak li ghamel kien minhabba xorb zejjed.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza illum stess.**

**Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.**

**Ikkonsidrat**

**Illi l-ewwel aggravju tal-appellant li l-ammissjoni tieghu quddiem l-Ewwel Qorti ma gietx konsidrata meta dik il-Qorti giet biex tinfliggi l-piena ma tidhirx**

**fondata ghaliex meta wiehed iqis il-gravita’ tar-reati kontra membri tal-korp tal-Pulizija, ir-recidiva w l-kondotta mill-aktar reffrattarja tal-appellant, il-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet wahda ferm miti fic-cirkostanzi w dan jista’ jkun attribwit biss ghall-fatt tal-ammissjoni w ghall-ebda konsiderazzjoni ohra.**

**Illi li wiehed jghid li l-piena hija esagerata fic-cirkostanzi kif qed jghid l-appellant fit-tieni aggravju ghall-istess ragunijiet gja moghtija huwa wkoll infondat ghaliex apparti illi l-piena hija sew entro l-parametri tal-ligi tenut kont tal-gravita’, kondotta reffrattarja w recidiva ma hija bl-ebda mod esagerata fic-cirkostanzi. Illi lanqas hu korrett l-appellant meta jghid li r-reati huma kollha relatati w jikkonkorru ghaliex f’dan il-kaz hemm atti separati w diversi indirizzati lejn membri tal-korp tal-Pulizija differenti w ghalhekk ma jezistix il-konkors ideali jew formali li minhabba fih xi reati jistghu jigu assorbiti f’reati ohra.**

**Umbaghad il-fatt illi hu talab apologija w skuza ghal dak li ghamel taht l-influenza tax-xorb bl-ebda mod ma jezonerah mill-piena ghax l-intossikazzjoni mhix difiza hlief f’certi cirkostanzi stipulati fil-ligi li f’dan il-kaz ma jirrizultawx.**

**Illi l-Qorti terga ttenni f’dak li gja qalet f’diversi sentenzi li r-reati bhal dawk ammessi mill-appellant fuq membri tal-korp tal-Pulizija waqt il-qadi tad-dmirijiet taghhom ma jistghux jitqisu leggerment mill-Qrati li ghandhom joffru kull protezzjoni lill-kustodji tal-ordni pubbliku meta jkunu qed jaggixxu fiz-zamma tal-ordni taht cirkostanzi mill-aktar difficli u b’riskju kbir ghall-inkolumita’ taghhom personali w li ghalhekk f’dawn it-tip ta’ reati hija indikata piena karcerarja effettiva kif del resto tiddisponi l-ligi.**

**Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------